# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# MAGISTRAT

# DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

# SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 19 TA' LULJU 2002

**Avviz Nru 415/01 - DM**

**Associated Supplies Limited**

**vs**

**Edgar Urpani**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet l-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' seba' mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm735) rapprezentanti l-import ta' wiehed u ghoxrin (21) kambjali skaduti u dovut minnhu lis-socjeta attrici fit-tnejn (2) ta' kull xahar matul il-perjodu bejn Settembru 1999 u Mejju 2001.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Marzu 2001, u bl-imghaxjiet legali dekorribbli b'effett mid-data tal-iskadenza ta' kull

kambjala relattiva, annessi w immarkati minn Dok EU1 sa Dok EU 21 sad-data tal-pagament effettiv bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut ghalkemm ikkontesta t-talba fis-seduta ta' l-1 ta' Frar 2002 u ghalkemm ipprometta illi jipprezentata l-eccezzjonijiet formali fi zmien tlett gimghat minn dik il-gurnata naqas illi jerga jidher f'dawn il-proceduri u lanqas ma pprezenta l-eccezzjonijiet formali kif ipprometta.

Ghaldaqstant wara illi l-Qorti semghet bil-gurament il-provi prodotti mill-kumpanija attrici u rat il-kambjali originali pprezentati illum stess u billi l-konvenut naqas illi igib ebda prova in kontestazzjoni tat-talba attrici u billi wkoll naqas li jidher fis-seduta tal-llum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghalhekk qieghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi is-somma mitluba ta' Lm735 (seba mija u hamsa u tletin Liri Maltin ) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxjiet legali dekorribbli b'effett mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut

Magt Dr D. Montebello BA LLD

S. Farrugia
Dep RegCiv 45